**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
**Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 18.12.11: IR-RABA' ĦADD TAL-AVVENT**
**Fil-10.30a.m.** Quddiesa li fiha jiġa amministrat is-sagrament tal-Magħmudija.
Illum c-Ċentru tal-Għoti tad-Demm fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex ser ikun miftuh għall-kumdita' ta' min jixtieq jagħti d-demm. Il-ħin ser ikun mit-8:30am sas-1:00pm.
Il-pubbliku hu mħeġġeġ biex bi ħġaru jagħti rigal li ma jistax jinxtara:Borża Demm Importanti li kull min imur jieħu miegħu l-Karta tal-Identita'.
**IT-TNEJN, 19.12.11: NOVENA TAL-MILIED**
Matul din il-Ġimgħa nkomplu bin-Novena bi tħejjija għall-Milied. Inkomplu nattendu.

**Quddies għand il-Morda**

Matul dawn il-ġranet inkomplu bil-quddies għand il-morda kollha. Dawn jiġu avżati bil-ġurnata u l-ħin li fiħ se jkollhom il-quddiesa.
**IL-ĦAMIS, fis-7.00a.m.** se jkun hawn il-konfessur barrani għall-qrar, biex nitħejjew għall-Milied.
**IS-SIBT, 24.12.11:** Mill-4.00p.m. 'l quddiem ikun hawn il-konfessur barrani għall-qrar.
**Fis-6.00p.m.** ikun hawn il-quddiesa tal-Vġili tal-Milied.
**Fis-6.30p.m.** se ssir l-attivita' ta' Father Christmas li tkun organizzata mill-Għaqda Drammatika tal-Parroċċa. Din l-attivita' se tkun fil-Pjazza tal-Knisja.
**Fil-11.30p.m. VELJA TA' KANT U TALB**
F'din il-Velja jieħdu sehem il-korijiet tal-Parroċċa : Fjur tal -Martri Margerita u Ulied Margerita.
Nistiednu lil kulħadd biex jieħu sehem fil-Velja u anke fil-

Quddiesa ta' Nofs il-Lejl.
**F'NOFS IL-LEJL TIBDA IL-QUDDIESA SOLENNI TAL-LEJL QADDIS TAL-MILIED.**



## IL-ĦADD, 25.12.11:
## SOLENNITA' TAT-TWELID TA' SIDNA GESU' Kristu.

**PONSJETTI:**

Nirringrazzaj lil dawk kollha li offrew li jħallsu għall-ponsjetti biex inżejnu l-knisja għall-Milied

**TBERIK TAL-BAMBINI**

Bħala parti mill-attivitajiet tan-Novena, nhar il-Ġimgħa waqt il-quddiesa ta' fil-għaxija li jsir it-tberik tal-Bambini. Għalhekk nistieden lil kulħadd, speċjalment lit-tfal kollha biex nhar il-Ġimgħa jġibu xbieha ta' Ġesu Bambin biex jitbierku ħalli mbagħad jitpoġġew fil-grotta.

**NIXTIEQU MILIED MIMLI FERĦ MINN ĠESU BAMBIN LILL-MEMBRI KOLLHA TAL-KOMUNITA' PARROKKJALI**